# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D**

Appell Numru: 284/2014

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Carmel Bugeja**

iben Spiridione, imwieled Pieta', fil-21 ta' Lulju, 1952, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 566352(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Bugeja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar it-28 ta` Settembru, 2008, waqt li kien armat fuq il-monti, gewwa l-lokalita` ta` Marsaxlokk:

a) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta` industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta` dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

b) Ghamel uzu, xjentement, ta` marka, sinjal, tabella jew emblem li jkun fihom indikazzjoni li tista` tgharraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblem;

c) Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal-hsieb ta` kummerc, mekanzija b'marka, sinjal, jew emblem imxebbhin b'qerq;

U cioe` diversi hwejjeg u cinturini bl-ismijiet DOLCE & GABBANA u bl-emblema D&G, kif ukoll diversi *handbags* bl-emblema G li jixbhu lil dawt tad-ditta GUESS.

d) U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta` kummerc biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex titqassam, basktijiet (*handbags*) bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta` Malta hew tahtha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbilit mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kolha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lill-imputat hati u mmultatu l-ammont ta` elfejn ewro (€2,000) kif ukoll li jhallas l-ispejjez peritali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti wkoll ordnat l-konfiska tal-esebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Bugeja minnu pprezentat fit-2 ta' Lulju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka ghal kollox l-istess sentenza u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija, w alternattivament fl-eventwalita` illi dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sejbien tal-htija, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha nkwantu l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena aktar gusta w ekwa skont il-ligi ghall-kaz odjern u tikkonfermha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-esponent kien sa mill-bidu nett cahad illi huwa kien jaf iIli l-oggetti minnu mixtrija mill-Italja u mit-Turkija kienu foloz, tant illi huwa kien jemmen li qieghed jixtri oggetti konsistenti fi stock qadim, u kien f' dawn ic-cirkostanzi illi huwa hallas il-prezz baxx illi hallas ghalihom, mhux tant ghax kien jaf illi l-oggetti kienu foloz. Il-ligi taghna tirrekjedi illi l-prosekuzzjoni ghandha tipprova mhux biss actus reus tal-imputat, izda ukoll il-mens rea u cioe' ix-xjenza li l-imputat kellu li l-oggetti kienu foloz.

2. Illi bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni ma ppruvatx dan l-element ezzenzjali sabiex tkun tista tipprova l-kaz taghha w tinstab htija lil hemm minn kull ombra ta' dubju. L-imputat dejjem hadem bhala bejjiegh fuq il-monti w huwa qatt ma biegh prodotti tal-DOLCE & GABBANA u/jew GUESS, liema tali oggetti generalment jinbieghu minn stabbilimenti rinomati u certament mhux minn suq miftuh bhala Monti ta' Marsaxlokk. Ghaldaqstant huwa plawsibbli l-versjoni tal-imputat illi jghid illi huwa xtara diversi lottijiet hwejjeg u oggetti ohra li kien jemmen illi l- valur taghhom kien pjuttost baxx ghax kien stock qadim u baqa fuq l-ixkaffa ghand l-grossisti li jkunu bieghhom sabiex jehilsu minnhom .

3. Illi inoltre, bir-rispett kollu l-oggetti li kellhom l-marka 'G' mhux necessarjament dina kella tiftiehem illi hija referenza diretta ghall-marka distintiva 'GUESS' u dana peress illi hadd ma jista' jkollu xi drittijiet fug semplici ittra tal-vokabularju (/ w anqas huwa necessarjament prezunt illi l-ittra 'G' li kien hemm fug certu oggetti necessarjament kienet qed tirreferi ghall-marka distintiva bl-isem 'GUESS'. In oltre', ghalkemm l-esponent kien ilu ghal diversi snin jbiegh fuq l-monti, mhux necessarjament kellu jkun jaf jew huwa prezunt li jaf bl-ezistenza tal-marki 'GUESS' u 'DOLCE & GABBANA' bhala marki distintivi li jattiraw prezzijiet fenominali, u dana ghar-raguni li huwa qatt ma kien f dak l-mistier u linja ta' negozju. Fuq l-monti jinbieghu oggetti bi prezzijiet baxxi, u generalment jkunu gejjin minn stock jew li jkun qadim u ma jkunx inbiegh fi zmienu jew li jkun ta' kwalita nferjuri imma mhux necessarjamcnt prodotti foloz. B' dana kollu dan jfissirx illi l-esponent kien jaf illi l-oggetti kienu foloz jew imitazzjoni ta' prodotti ohra originali, tant illi huwa pproduca l-ircevuti mahruga mis-suppliers tieghu fl-esteru w li minghandhom huwa kien jixtri regolarment. Huwa ghal dawn ic-cirkostanzi illi l-prosekuzzjoni naqset illi tipprova lil hemm minn kull ombra ta' dubju li effettivament l-esponent kien jaf illi l-oggetti nkwistjoni kienu foloz jew imitazzjoni tal-orignal bi ksur tal-Ligi.

**It-tieni aggravju:**

1. Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrekjedi illi is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandju jkun fiha l-fatti li taghhom l-imputat ikun gie misjub hati, kif ukoll taghti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-ligi li tkun tikkontempla r-rejat. Illi bir-rispett kollu l-imesmmija sentenza hija wahda nulla stante illi fid-decide tas-sentenza taghha l-Qorti naqset illi tghid b'mod car fuq liema artikoli tal-ligi kienet qieghda ssib lill-imputat hati w kif ukoll naqset illi b'mod car tghid fuq liema imputazzjonijiet addibitati lill-esponent fil-komparixxi, kienet qieghda ssib l-imputat hati taghhom.

**It- Tielet aggravvju:**

1. Illi fi kwalunkwe kaz u blapregudizzju ghall-premess, l-piena nflitta hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi, tenut kont illi l-esponent qart ma kellu kazi serji ohra mal-Qorti precidentament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta’ Marzu 2019 li permezz taghha s-sentenza ta’l-Ewwel Qorti giet annullata u gie ordnat it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza bl-aggravji tal-appellant jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-mertu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant jinsab mixli bir-reati maghrufa bhala dawk tal-qerq fil-kummerc fid-diversi forom tieghu, kif ukoll dak dwar il-ksur tad-drittijiet tal-awtur u dan meta gie allegat illi l-appellant importa u sussegwentement biegh prodotti mhux genwini

immarkati bhala tad-ditta "Dolce & Gabbana" u "Guess", fost ohrajn, fuq il-monti ta' Marsaxlokk, liema marki kienu foloz.

Illi l-Qorti ezaminat l-atti processwali mill-gdid minn fejn irrizulta illi nhar it-28 ta' Settembru 2008 l-ispettur Yvonne Farrugia flimkien ma' WPS249 Maruska Debattista, PC1305 Silvio Zammit u WPC304 Lorna Mifsud, għamlu spezzjoni fuq il-monti ta' Marsaxlokk fejn osservaw illi l-appellant kien qieghed ibiegh ħwejjeġ u oġġetti tad-ditta li madankollu kienu jidhru *counterfeit*. Esposti ghal bejgh fuq it-tilar l-appellant kellu fuq naha wahda hwejjeġ mhux tad-ditta, li kienu stivati għalihom, kif ukoll dawk tad-ditta li kienu esposti fin-nofs, filwaqt li l-*handbags* kienu mdendlin fil-ġenb f'tarf it-tilar. Dawn kellhom marki li jixbħu dawk tad-ditti tad-"Dolce &Gabbana" u "Gucci" jew "Guess". Kif avviċinawh il-pulizija rriżulta li l-appellant kellu aktar merkanzija simili mahzuna fil-karrozza tiegħu. Dawn il-hwejjeg gew elevati biex b'kollox kien hemm tmenin (80) flokk, ħames track suits u sbatax-il Ċintorin lkoll tad-ditta "D&G", kif ukoll erbatax (14) il-handbag bl-emblema bl-ittra "G".

L-appellant ġie mitkellem mill-pulizija u filwaqt li kkonferma li kien akkwista din il-merkanzija minn ġewwa Warehouse fit-Turkija bi prezzijiet irrizorji, stqarr illi għall-ewwel ma kienx jaf li l-ittri "D&G" kienu qed jindikaw xi ditta, ghalkemm wara ammetta illi kien fil-fatt jaf bl-esistenza ta' din id-ditta izda kien haseb li din mhijiex reġistrata Malta. Fix-xiehda tieghu fil-Qorti l-appellant stqarr illi hu kien jixtri bil-lottijiet u allura ma kienx ikun jaf x'kien il-kontenut tagħhom. Ighid illi dawn kien jixtriehom b'dan il-mod u bi prezz baxx peress illi kienu jkunu parti minn *stock* antik li ma jkunx ser jerġa' joħroġ fis-suq. Qal ukoll li ma kienx jaf li l-marki tal-oġġetti in kwistjoni kienu foloz.

Ikkunsidrat:

Illi kif inghad l-appellant gie mixli bir-reat tal-qerq fil-kummerc fejn l-att materjali kostituttiv huwa imfassal fid-diversi forom mahsuba mill-legislatur fis-sub-incizi varji tieghu. Fil-fatt l-appellant jinsab mixli bil-forom ta' dan ir-reat li jaqghu taht is-sub-incizi (1)(a)(c) u (f) tieghu. L-appellant jigi mixli ukoll bir-reat tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur fit-termini tal-artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

Illi l-appellant jinsab mixli li :

> **"(a) jiffalsifika jew ibiddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, jagħmel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;**
> **(ċ) jagħmel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew ibiegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;**
> **(f) xjentement iqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, ibiegħ jew iżomm għandu għall-bejgħ jew jimporta għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbħin b'qerq;"**

Illi jidher ċar mid-diċitura tal-liġijiet illi min jikkometti dawn ir-reati jrid ikollu x-xjenza u cioe' l-għarfien illi l-prodott huwa wiehed mhux genwin. Mhux biss izda l-artikoli 299 u 300 fir-rigward tal-infrazzjonijiet infraskritti fis-sub-incizi (a) u (c) jixhtu l-piz tal-prova fuq l-akkuzat meta hemm hekk dispost:

> **"F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(a), (b), (ċ) u (d), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż."**

> **"Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar biċċa tal-artikolu 298(1)(a) u (b) u (d), il-prova tal-kunsens tas-sid tmiss lill-akkużat."**

Bir-reat imfassal imbaghad fis-sub-inciz (f) jixhet il-piz tal-prova fuq l-akkuzat meta jinghad illi:

> **"….. jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax -**
> **(a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-dispożizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u**
> **(b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u**
> **(ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen."**

Ghar-rigward tar-reat imfassal fill-paragrafu (a) ma jirrizulta b' ebda mod u lanqas biss ma jidher li qed jigi allegat mill-Prosekuzzjoni li l-appellant kien l-awtur ta' xi falsifikazzjoni jew tibdil fuq xi oggetti ta' xi isem, marka jew sinjal distintiv. Jirrizulta madanakollu illi ghamel uzu ta' isem jew marka jew sinjal distintiv ta' xoghol tal-mohh jew industrija w l-isem jew marka jew sinjal distinitiv ta' xoghol tal-mohh jew prodott tal-industrija effettivament falsifikati jew mibdula meta huwa espona l-istess oggetti ghal bejgh.

Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li fil-paragrafu (a) ma hux rikjest bhala element tar-reat li jkun hemm indikjazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej , kif inhu rikjest fil-pargrafu (c) jew li jkunu imxebbhin b' qerq kif inhu rikjest fil-paragrafu (f). Madanakollu huwa indubitat illi l-att materjali tar-reat jirrizulta ukoll taht dawn iz-zewg paragrafi wkoll meta l-appellant qieghed fis-suq ghal bejgh dawn il-prodotti *counterfeit*.

Issa l-prova illi huwa ma kellux ix-xjenza doluza mehtiega fil-ligi ghal sejbien ta' htija, kif inghad, kienet tispetta lill-appellant, bir-reat taht il-paragrafu (f), sahansitra jinneccesita lill-appellant jaghti dettalji shah dwar il-persuna jew persuni minn ghand min akkwista dik il-merkanzija, kif ukoll li juri, sal-grad mehtieg minnu fil-kamp penali, li ha dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex ikun fic-cert illi dawk il-prodotti

minnu esposti ghal bejgh u imqieghda fic-cirkolazzjoni kienu genwini u allura li ma kellux raguni jahseb illi dawn setghu kienu foloz.

Illi mill-provi miġjuba jidher li dak li qed jikkontesta l-appellant mhuwiex daqtsant il-fatt jekk il-marka, jew emblema D&G jew Guess hijiex falza o meno. Kif lanqas allura hemm dubbju illi l-oġġetti li kienu qedgħin jinbiegħu fuq it-tilar tal-appellant kienu qedgħin juru emblema jew marka li tixbaħ konsiderevolment dawk oriġinali tad-ditti Dolce & Gabbana u Guess u li setgħu iqarrqu lix-xerrej dwar l-oriġinalita' tal-prodott in kwistjoni u allura jirrekaw preġudizzju lid-distributuri liċenżjati u awtorizzati tal-prodotti oriġinali f'pajjizna. Huwa ippruvat ukoll illi din il-merkanzija kienet qed tinbiegh mill-appellant bi preżżijiet ferm aktar baxxi minn dawk tal-prodotti oriġinali.

Jikkontendi, izda l-appellant, illi meta huwa akkwista dawn il-prodotti, importhom gewwa Malta u sussegwentement esponiehom ghal bejgh, ma kienx jaf illi dawk il-prodotti kienu qed juru li jappartjenu ghal xi ditta partikolari u kwindi ma kienx jaf li dawn kienu *counterfeits*. Jgħid illi hu ma kienx jaf b'dawn id-ditti u ma kienx jaf li l-oġġetti li kellu għall-bejgħ fuq it-tilar tiegħu kellhom emblemi jew marki li ma kienux oriġinali. Hu jipprova jiġġustifika l-prezzijiet baxxi billi ighid illi dawn jinbiegħu bi prezzijiet baxxi *at source* mill-fabbrika barra minn Malta billi dawn ma jkunux ser jerġghu jinħarġu ghaliex jkun *stock* antik. Ma jindikax u ma jaghtix dettalji madanakollu tal-persuna jew persuni minn ghand min akkwista din il-merkanzija u ighid semplicement li dawn gew minn Sqallija u mit-Turkija.

Illi madankollu din il-Qorti ssibha kemxejn diffiċli temmen il-verżjoni tal-fatti kif migjuba mill-appellant. Dan ghaliex fl-ewwel lok l-appellant jistqarr *ex admissis* illi huwa ilu f'dan il-mistjier għal tmienja u għoxrin sena u allura ma jistax jitwemmen meta isostni illi huwa kien injar mill-esistenza ta' dawn id-ditti. Dan ghaliex id-ditti n kwistjoni huma renomati sew fis-suq tal-moda, bid-ditta "Guess" sahansitra ghandha

diversi hwienet gewwa Malta. Illi allura meta l-appellant ra l-emblema jew marka fuq il-prodotti li huwa importa u kien qed jesponi ghal bejgh messu ha dawk il-prekazzjonijiet kollha necessarji li timponi fuqu l-ligi sabiex jassigura ruhu li dawn kienu genwini, haga li jidher li naqas milli jaghmel. In oltre dak mistqarr mill-appellant meta xehed quddiem il-Qorti jikkontradixxi dak mistqarr minnu meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu fejn saħaq li ghalkemm ma jkunx jaf il-kontenut tal-lott tal-merkanzija mixtrija minnu, jistqarr fl-istess nifs illi ilu jġib merkanzija tad-ditta id-"D&G" hawn Malta għall-aħħar erba' (4 ) snin u li kien biss qabel dan iz-zmien li hu ma kien qatt sema' bid-ditta. Qal li allura kien konxju illi din hija ditta renomata imma stqarr li mhijiex ditta reġistrata hawn Malta. Ikkonferma li kien hemm basktijiet bl-ittra "G" izda stqarr li ma jafx li hemm differenza bejn il-kelma "Gucci" u "Guscio" u "Gamaya" li kienu wkoll mibjugħa minnu. Dak mistqarr mill-appellant ghalhekk juri li huwa ben intiz dwar l-esistenza ta' dawn id-ditti u l-import tagħhom.

Illi lanqas ma jista' jitwemmen l-appellant meta jghid li hu ma kienx jaf x'kien hemm fil-lottijiet meta akkwistahom ghaliex certament meta espona il-merkanzija ghal bejgh u anke tahom prezz huwa kien jaf il-kwalita' u n-natura tal-oggetti li kien qed joffri ghal bejgh. Tant hu hekk li anke fil-mod kif kien jesponiehom fuq it-tilar huwa kien jiddifferenzjhom mill-prodotti l-ohra li ma kellhomx marka jew emblema ta' ditta.

Konsegwentement din il-Qorti ser issib ħtija ghar-reat mahsub fl-artikolu 298 (a)(c) u (f) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant jinsab ukoll akkuzat bir-reat mahsub fl-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali u cioe' dak li jitkellem dwar infrazzjonijiet li jiksru d-drittijiet tal-awtur.

**"Id-drittijiet li jakkwista awtur ta' disinn li jigi registrat huma estensjoni tad-drittijiet ta' l-awtur, maghrufin ahjar bhala "copyright", u l-protezzjoni hija ntiza sabiex jeskludi lil haddiehor milli jimita tali disinn. Dan kien rifless f'mohh il-legislatur meta ghaddiet l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali mill-Assemblea Legislattiva fl-1900 u fil-fatt, il-*Crown Advocate* ta' dak iz-zmien ddeskriva dik il-parti ta' l-Ordinanza li titratta disinni u mudelli ta' manifattura kif ser jinghad: "*Il titolo secondo di questa Ordinanza e molto importante. In esso si tratta dei disegni e modelli di fabbrica. E inteso a dare un rimedio contro cio' che succede molte volte che cioe' un individuo, il quale dopo grande lavoro, forma un disegno od un modello di fabbrica, ne rimane espropriato senza compenso da un altro individuo che ne prende copia*"**[1].

Illum il-legislazzjoni fir-rigward zviluppat u twessghet sabiex insibu ligijiet li jitkellmu dwar id-drittijiet ta'l-awtur (Kapitolu 415), Att dwar il-Privattivi Industrijali u Disinni (Kap.417) u il-Ligi dwar it-Trademarks (Kap.416) biex b'hekk jigu applikati ir-regolamenti imfassla mill-Unjoni Ewropeja fir-rigward u dan wara li Malta saret Stat Membru. Tant hu hekk illi illum il-Kapitolu 416 gie sostitwit permezz tal-Att XII tal-2019 sabiex b'hekk saret it-trasposizzjoni fid-dritt malti tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet dwar it-*trademarks*.

Illi allura l-ligi taghmel distinzjoni bejn il-jeddijiet li johorgu mid-Drittijiet tal-Awtur u il-jeddijiet spettanti lil proprjetarju ta' *trademark* registrata skont il-ligi. Fil-fatt wahda hija tutelata taht l-Att Dwar id-Drittijiet ta'l-Awtur (Kapitolu 415 tal-Ligijiet ta' Malta), filwaqt illi l-jeddijiet l-ohra huma tutelati taht l-Att Dwar it-Trademarks (Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta) – wahda titkellem fuq *copyright* u l-ohra titkellem fuq *trademarks*.

---

[1] Sammut Dr Austin Noe Vs Kontrollur Tal-Propjeta' Industrijali 25/05/2001 App.Civ. Sup

L-artikolu 3 tal-Kapitolu 415 jelenka s-segwenti bhala ix-xogholijiet li huma eligibbli ghad-drittijiet ta'l-awtur:

**"(a) xogholijiet artistici**
**(b) xogholijiet awdjovizivi**
**(c ) database**
**(d) xogholijiet letterarji**
**(e) xogholijiet muzikali."**

Bil-kelma "awtur" tinghata it-tifsira ta' "**il-persuna naturali jew grupp ta' persuni naturali li jkunu ħolqu x-xogħol eliġġibbli għad-dritt tal-awtur iżda fil-każ ta' xogħol awdjoviżiv tinkludi lid-direttur prinċipali iżda teskludi lill-produttur tal-ewwel fissazzjoni tax-xogħol awdjoviżi.**"

Din id-dicitura tal-ligi ghalhekk teskludi l-ikkupjar ta' *trademark* jew l-uzu jew bejgh ta' dak it-*trademark* hekk ikkuppjat. Tant hu hekk illi l-artikolu 298B jispecifika illi l-att materjali irid jigi kommess bi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur protetti taht il-ligi maltija, li allura tfisser dawk id-drittijiet li jitkellem dwarhom il-Kapitolu 415 u mhux ukoll il-Kapitolu 416, li gie illum sostiwit, kif inghad, bl-Att XII tal-2019. Illi fl-artikolu 4 tal-Att il-kelma *trademark* ghandha tikkonsisti "**minn kull sinjal, b'mod partikolari kliem, inklużi ismijiet personali, jew disinji, ittri, numri, kuluri, l-għamla ta' oġġetti jew tal-imballaġġ ta' oġġetti, jew ħsejjes, sakemm dawn is-sinjali jkunu jistgħu:**
**(a) jiddistingwu l-oġġetti jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra; u**
**(b) jitniżżlu fir-reġistru b'manjiera li tkun tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti u lill-pubbliku jagħrfu b'mod ċar u preċiż xi jkun is-suġġett tal-protezzjoni mogħtija lill-proprjetarju tat-trademark**."

Dan ifisser allura illi l-appellant qatt ma jista' jinstab hati li kkometta r-reat mahsub taht l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali billi l-att materjali li dwaru huwa gie mixli kien

jitratta il-falsifikazzjoni u/jew l-uzu ta' *trademark* u mhux xi ksur ta' *copyright*. Ghal dawn il-motivi il-Qorti ser tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi meta il-Qorti tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-appellant ghall-akkuzi li dwarhom ser tinsab htija trid necessarjament izzomm quddiem ghajnejha dak imfassla fl-artikolu 428(5)(6) u (7) tal-Kodici Kriminali, b'dan ghalhekk illi l-piena li ghandha tigi erogata f'dan il-kaz fejn sar appell mill-persuna misjuba hatja ma tistax tkun aktar gravuza minn dik moghtija mill-Ewwel Qorti.

Issa l-Ewwel Qorti erogat il-piena tal-multa ta' €2000, li ma kenitx il-piena kontemplata fil-ligi billi r-reati li jaqghu taħt l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali igorru piena ta' priġunerija. Illi dan ipoggi lil din il-Qorti f'sitwazzjoni fejn ma tistax taghti il-piena tal-multa kif erogata mill-Ewwel Qorti billi, kif inghad, din il-piena ma hijiex wahda kontemplata bil-ligi u lanqas ma tista' izzid dik il-piena ghal wahda aktar gravuza billi ma sarx appell minn naha tal-Avukat Generali fuq dan in-nuqqas.

Illi allura gjaldarba l-appellant m'għandux preċedenti penali allarmanti jew li jixbħu dawn ir-reati, bl-ahhar infrazzjoni tal-ligi tirrisali gahs-sena 2009, u billi ukoll kien hemm trapass twil taz-zmien minn meta gie kommess ir-reat lura fis-sena 2008, din il-Qorti ser tghaddi biex tapplika fil-konfront tal-appellant id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi jidher illi huwa kandidat idonju biex jinghata piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 298(1)(a)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-appellant Carmelo Bugeja mill-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u wara li rat l-artikolu 22 tal-

Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tordna lill-appellant ihallas l-ispejjez peritali li jammontaw għal erbgħa mija u disgħa u sebgħin Euro u tlettax il-ċenteżmu (€479.13). Finalment tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti elevati mill-pulizija u li ġew eżebiti matul il-kawża.

Il-Qorti twissi lil hati dwar il-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Edwina Grima
Imhallef